## KIF ID-DUBBIENA IXXERRED IL-MARD

Ma hux tassew li d-dubbiena tigdem! Id-dubbiena ma għandhiex biex tigdem; għandha biss ilsien magħmul bħal tubu, biex bih ISSOFFI l-ikel li jrid ikun MAĦLUL. Id-dubbiena tmur qalb il-mard, tmur fuq il-ħmieġ, tmur fuq kull ħaġa moqżieża; hija mimlija kollha kemm hi b'xgħar jew suf żgħir. Meta tmur fuq dak li semmejna hija tiġbor magħha sewwa l-ħmieġ kemm ukoll iż-żerriegħa tal-mard; u billi hija ma tigdimx, meta tasal fuk l-ikel iddeffes ilsienha ġewwa l-ikel; jekk issibu maħlul kollox sewwa; inklêlê id-dubbiena titlaq ftit mill-bżieq tagħha, biex tkun tista' ssoffi! u hekk fuq jew ġewwa l-ikel tħalli (barra l-bżieq tagħha) dak il-gwaj kollu li tkun ġabret ma' sufha, u meta tmur fuq bniedem b'saħtu malajr iċċapsu bil-mard ukoll. Jiġifieri d-dubbiena jew idakkarlek l-ikel jew iddakkar lilek! Ħalib, ħobż, ġobon, laħam, kunserva eċċ. jekk ma żżommhomx imgħottija jistgħu jkunu kaġun ta' mard kbir! jekk m'hux ta' mewt ukoll!

### NEQIRDUHA!

Għandna aħna noqogħdu kwieti minngħajr ma nagħmlu gwerra lil din is-saħta? Dubbiena, wara li tkun żaret marid, tiġi bil-għatx ġewwa t-tazza tal-ħalib li jkollok lest għat-tarbija u tniġġsu! Inti, bla ma taf xejn, tati l-ħalib lit-tarbija. Wara żmien it-tarbija timrad; tnin u... tmut!! Inkella, id-dubbiena wara żjara lil kas ta' *Difterite* iċċappaslek xi tarbija! Minn flok noqogħdu ngemgmu, naraw liema huma l-aħjar mezzi biex wieħed jeqred darba għal dejjem, din il-misħuta ta' dubbiena!

Aħna għedna li malli tidħol is-sħana jibda jitfaċċa dak id-dubbien kollu li jkun baqa' ħaj ma' tul ix-xitwa. U dana d-dubbien jibda biex jissaħħaħ u jfittex il-lok fejn ibid!

U aħna nibdew biex neqirduh minn l-ewwel, għax din li-qerda ewlenija tiswa wisq; anzi jekk aħna nżuru l-lokijiet fejn id-dubbiena tmur biex tbid u nsaqquh jew inbexxuh b'din il-mistura

Pitrolju 15 il-parti
Aċdu Karboliku 4 parti
Ċitronilla 1 parti.



aħna naslu biex ġurnata ma jkollniex mard iżjed! Infittxu l-lokijiet maħmuġa, il-bramel fejn jinżamm id-demel tad-dar, xi rokna maħmuġa fil-bitħa jew fil-ġnien, u nbexxuhom tajjeb!

Bil-formalina teqred ħafna dubbien. Ħu 10 parti ħalib, 10 parti ilma u parti formalina; qiegħed kollox fil-għoli, fejn ma jilħquhx it-tfal, u tara kif id-dubbien jagħmel ħafna għal dan il-ħalib, u jmut f'qasir żmien. Jekk ixxarrab biċċa biskuttell jew gallettina u żżid ftit zokkor aħjar u aħjar!! Mezz ieħor huma l-karti għad-dubbien.

Barra minn dawn il-mezzi nfittxu dejjem li ngħattu il-ħwejjeġ kollha ta' l-ikel; ħobż, laħam, ħalib, ġobon, ħelu, kunserva, ilma, kollox!!! Fuq il-mejda ta' l-ikel jiena sibt tajjeb wisq plattin bi ftit trab tal-briegħed *(Insect destroying powder* jew *Polvere Insetticida).* Tista' tużah ukoll billi tqiegħdu ġewwa seffud li tixtrih għal din il-biċċa u xxerred minnu fl-arja, fejn hemm miġbur id-dubbien.

Barra mid-dubbiena tad-dar hemm ukoll id-dubbiena ħadra *(Calliphora erythrocephala—Blue-bottle* ta' l-Ingliżi) li ittir l-aktar fuq il-laħam, l-iżjed il-laħam ta' xi bhima mejta, u ssibha għand tal-laħam, fuq xi miżbla mbażżra sħiħ jew fuq xi munzell ħaxix imgħerri! Din id-dubbiena tbid kull darba minn ħames sa sitt mitt bajda, u tagħmel deni daqs ħabibtha d-dubbiena tad-dar! Neqirduha wkoll!!

**Dr. G. Busuttil.**

## GĦALL-PROFESSJONI TA' SORU

WARRAB MINNI JA DINJA FIERGĦA
GĦAX QABLEK HABBNI IEHOR
LI ĠMIELU JGĦAXXAQ IX-XEMX U L-QAMAR
U L-GĦANA TIEGĦU MA JITQIES MA' XEJN.
DAK LI QABEL IŻ-ŻMIEN TNISSEL MINN MISSIER BLA OMM
U FIŻ-ŻMIEN TWIELED MINN OMM BLA MISSIER
HATARNI B'GĦARUSA TIEGĦU
U JIEN WEĠIBT GĦAS-SEJHA TIEGĦU
GĦAX LILU JIEN DEJJEM HABBEJT FITTIXT U XTAQT.
MINN FOMMU NIEHU L-GĦASEL U L-HALIB
U BID-DEMM TIEGĦU JIŻŻEJNU HADDEJJA BIL-WARDIET.
MITT GĦAD-DINJA U SIBT IL-HAJJA
MHUX JIEN INGĦIX IMMA FIHA KRISTU LI HU L-HAJJA.

**Dun Pawl.**